MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 258/2005/1

**Emanuel Zammit**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Emanuel Zammit prezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Marzu 2005, li jaqra hekk:

“Illi huwa gie notifikat b’dikjarazzjoni ufficjali tal-Kummissarju intimat permezz ta’ ittra ufficjali li ggib id-data ta’ l-4 ta’ Frar, 2005.

“Illi permezz ta’ din l-ittra ufficjali huwa kien gie interpellat ihallas is-somma ta’ hdax-il elf tlett mija u erbgha u sebghin Lira Maltin (Lm11,374) rapprezentanti t-taxxa ghas-snin 1979-1992, 1994-1995 u 1996.

“Illi t-talba tal-Kummissarju intimat hija wahda nfondata kemm fil-fatt u dan peress illi:

“a. kull ammont li seta’ kien hemm dovut dejjem thallas

“b. it-talba ghall-hlas hija preskritta

“Liema ragunijiet jigu spjegati waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors.

“Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din il-Qorti joghgobha tiddikjara t-talbiet tal-Kummissarju intimati bhala nfondati u dan skond dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.”

Rat ir-risposta mressqa mill-intimat li in forza taghha ecepixxa illi:

“Illi m’huwiex minnu li kull ammont li kellu jithallas mir-rikorrent diga` thallas, billi l-ammonti mitluba huma kollha ghal snin fejn jirrizulta lill-esponent li t-*tax payer* kien ghad jonqsu jhallas.

“Illi inoltre lanqas m’huwa minnu li tapplika l-preskrizzjoni fir-rigward ta’ l-ammonti mitluba mill-intimat. Fil-fatt, skond l-emendi l-godda li saru lill-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u sewwasew permezz ta’ l-Artikolu 47.4,

“Meta l-azzjoni msemmija fis-sub-artikoli (2) u (3) ma tkunx Dicembru, 2003 jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta’ dawk is-sub-artikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta’ dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew penali tista’ tittiehed sal-31 ta’ Dicembru, 2005”.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob li idn l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi t-talba tar-rikorrent.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Marzu 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi ddikjarat:

“…t-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni riferibbilment ghas-snin 1979 – 1992 hlief ghall-1990 u 1994 - 1995 bhala preskritti, izda fuq ammissjoni riferibbilment ghas-snin 1990 u 1996 dawn jirrizultaw dovuti.

“Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-Qorti tibda billi tirreferi ghas-sub-artikoli 47(2) u (4) tal-Kap. 372 li jghidu hekk:

“(2) Salv kif xort’ohra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b’mod partikolari d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 30(5) u ta’ l-Artikolu 31(7), l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista’ tinbeda f’kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluziva.

“(4) Meta l-azzjoni msemmija fis-sub-artikoli (2) u (3) ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hemm stipulat, u dak iz-zmien jiskadi fil-31 ta’ Dicembru, 2003 jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja d- disposizzjonijiet ta’ dawk is-sub-artikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta’ dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew penali tista’ tittiehed sal-31 ta’ Dicembru, 2005.

“Abbazi ta’ dan Emanuel Zammit qed jecepixxi l-preskrizzjoni ghalkemm fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu tal-5 ta’ Dicembru 2006 fol. 39 tal-process iddikjara li kwantu ghat-talbiet ghal stimi 1990 u 1996 dawn huma

ammessi. Jirrizulta li Emanuel Zammit gie notifikat b'dikjarazzjoni ufficjali tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Ittra Ufficjali li ggib id-data tal-4 ta' Frar 2005 u dan ghas-somma ta' Lm11,374 rapprezentanti taxxa 1979 sa 1992, 1994 sa 1995 u 1996. Emanuel Zammit insista fuq il-preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 47(2) u cioe` fuq il-perjodu preskrittiv ta' tmien snin filwaqt li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni sostna li abbazi tal-emendi l-godda li saru fil-Kapitolu 372 Artikolu 47(4) m'hemmx preskrizzjoni ghall-kaz in ezami. Il-Qorti tirreferi ghall-insenjament fil-kawza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, Imhallef Philip Sciberras, tal-10 ta' Jannar 2007, Appell Civili Numru 266/05 fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana**, liema kaz ghandu hafna konnotati simili ghall-kaz odjern. Huwa veru li dik il-Qorti qalet:

""Finalment il-Qorti trid taghmilha cara illi l-insistenza ripetuta taghha ghall-fatti tal-kaz, qeghda ssir biex titnehha l-possibilita` ta' xi ekwivoku, in bazi ghall-precitati konsiderazzjonijet, li jista' jinqala' minn min ma jkunx edott mill-impostazzjoni tal-kwistjoni singolari."

"Pero` l-konnotati ta' dak il-kaz huma simili hafna ghal dak odjern. Dik il-Qorti ghamlet analizi tal-aspetti kollha relevanti ghall-kaz.

"Sewwa hafna ghamlet dik il-Qorti li dahlet taht l-aspetti tal-element ta' retroattivita` tal-ligijiet ta' natura fiskali u diversi aspetti tal-preskrizzjoni. Hawnhekk il-Qorti sejra tikkwota partijiet mill-imsemmija sentenza:

""Huwa dezumibbli minn dak li appena nghad illi r-retroattivita` ta' ligi ma tesponix ruhha awtomatikament ghac-censura tal-kostituzzjonalita` taghha. Biex dan jissucciedi jrid jirrizulta li jkunu gew vjolati precetti kostituzzjonali jew principji inerenti ghall-istat tad-Dritt. In partikulari, il-principju tar-ragonevolezza l-ghala giet dettata l-ligi u dak ta' l-affidament tac-cittadini, jew tal-kontribwenti fil-materji fiskali, fl-istabilita` u c-certezza ta' l-ordinament guridiku;

"Dan premess, ghandu jigi notat illi l-Qrati taghna ma baqghux lura milli huma wkoll jissottolinejaw certi principji in materja ta' retroattivita` ta' ligi fiskali. Minn dak ricerkat il-kwistjoni jidher li qamet fil-kawza fl-ismijiet "**Michele Muscat -vs- L-Onor. Roberto Briffa, Collettore delle Dogane**", Prim Awla, Qorti Civili, 12 ta' April 1919. Fiha nghad illi di regola ligi promulgata m'ghandhiex ikollha effett hlief ghal quddiem b'mod li ma ghandhiex testendi ruhha "*ai fatti gia compiuti e consumati: La legge di regola, quindi, non ha effetto retroattivo ed è di diritto volgare il broccardo che 'lex non habet oculus retro*'." Affermata din ir-regola generali ssokta jinghad f'din l-istess sentenza illi "*quantunque sia in facolta del legislatore espressamente dichiarare che la legge debba comprendere nel suo impero anche gli atti, che non fossero ancora compiuti, tuttavia i diritti quesiti sono sempre di giustizia dalla legge rispettati*";"

"Issa l-preskrizzjoni fis-sistema legali Maltija hija mezz procedurali ta' helsien mill-azzjoni. Kawza tal-principju tal-preskrizzjoni l-attur ma jkunx jista' aktar jottjeni r-rimedju li jixtieq permezz tal-proceduri legali. L-Artikolu 1145 tal-Kap. 16 qabel ma jelenka kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet isemmi li:

"barra mill-effetti tal-kundizzjoni rizoluttiva, u mill-effetti tal-preskrizzjoni l-obbligazzjonijiet jispiccaw –"

"Fl-imsemmija sentenza tal-**Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana**, dik il-Qorti ghamlet rassenja ta' gurisprudenza relevanti u qalet:

""L-ewwelnett, ghal dik li hi proposizzjoni ta' ligi, m'hemmx dubju li wiehed mill-obbjettivi tal-preskrizzjoni hu dak li wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi [Artikolu 2107 (2), Kodici Civili]. Jidher minn dan, kif konkordi wkoll fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, illi l-indoli ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi wahda procedurali. F'dan il-kuntest il-Qorti jidhrilha li ghandha tissenjala dawn il-precedenti li gejjin:-

"(1) Fis-sentenza "**Philip Agius *nomine* -vs- Avv. Dr. Joseph A. Micallef *et nomine***", 20 ta' Frar 1952, il-Qorti tal-Kummerc, sedenti l-Onor. Imhallef William Harding, irrimarkat illi "l-preskrizzjoni liberatorja hija attinenti mhux ghas-sustanza ta' l-obbligazzjoni, imma ghall-azzjoni. Infatti l-Artikolu 1188 Kodici Civili (fil-prezent, Artikolu 1145) isemmi s-seba' modi ta' estinzjoni ta' l-obbligazzjonijiet, u fosthom ma jikkomprendix il-preskrizzjoni, ghalkemm isemmi l-preskrizzjoni biss in vija ta' rizerva ta' l-effetti taghha. Mhux biss, imma l-Artikolu 2212 (illum l-Artikolu 2107) tal-Kodici jiddefinixxi '*expressis verbis*' il-preskrizzjoni liberatorja bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni";

"(2) Il-kwistjoni qamet ukoll fis-sentenza "**Carmelo Agius Fernandez *et* -vs- Avukat Dr Filippo Nicolo Buttigieg**", Prim Awla, Qorti Civili, 13 ta' April 1953. Intqal fiha illi "l-fondament tal-preskrizzjoni estintiva … hu l-interess li jitqieghed tmiem ghall-proponibilita` ta' l-azzjoni, biex l-istat guridiku ta' l-affarijiet li jkun ezista ghal hafna zmien ma jkunx jista' jigi skonvolt mill-ezercizzju tardiv ta' l-azzjoni";

"(3) Fis-sentenza, imbaghad, in re "**Ester Degabriele *et* -vs- Joseph Rosso**", 26 ta' Frar 1965, il-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, irriteniet dan: "Minghajr ma l-Qorti tidhol fid-diskussjoni dottrinali jekk il-preskrizzjoni estintiva hix biss eccezzjoni kif hemm min isostni, inkella ghandhiex ukoll funzjoni ta' dritt materjali, huwa cert illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha funzjoni importantissima processwali. Ta' min jirrileva illi fil-Kodici taghna, il-preskrizzjoni (estintiva) hija definita bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni, mhux kif jinghad fil-Kodici Taljan, minn obbligazzjoni";…"

"Dik il-Qorti fl-istess kawza qalet hekk:

""Dan ghaliex l-istimi mill-Kummissarju kienu hargu, u gew ukoll notifikati, fl-1994 u kien biss wara hdax-il sena illi l-appellat indenja jibghat l-att gudizzjarju interruttiv, meta, skond is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 47, l-azzjoni tieghu kienet allura gja` estinta. Minn dan dedott din il-Qorti

ghandha raguni serja tahseb ghall-anqas fl-ambitu tal-fattispeci tal-kaz *de quo*, illi l-iskop veru ghall-introduzzjoni fil-ligi tas-subinciz (4) ta' l-Artikolu 47 ma kienx dak issuggerit mill-appellat izda, pjuttost, biex taghmel tajjeb ghall-inerzja ta' min, fid-Dipartiment, kien responsabbli biex jassigura l-hlas debitu. Kieku dan kellu jigi applikat jigi li l-ligi saret retroattivament ghall-ommissjoni jew inazzjoni li avverat ruhha taht il-ligi, qabel id-dhul fis-sehh tad-disposizzjoni agguntiva, u dan ma jidhirx li hu ragonevoli u, wisq anqas, accettabbli. Ara a propozitu f' dan l-istess sens d-decizjoni fl-ismijiet "**A.B. -vs- Nutar Vincenzo Gatt *nomine***", Appell, 17 ta' Ottubru 1957 li, incidentalment, kienet titratta wkoll minn kwistjoni ta' l-estensjoni taz-zmien preskrittiv, anke jekk f'dak il-kaz si trattava minn talba tat-*taxpayer* ghar-rifuzjoni tat-taxxa minnu mhallsa in eccess ta' dak dovut;…"

"Din il-Qorti taqbel ma' dak kollu msemmi fil-kawza tal-**Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana**. Il-principju tal-preskrizzjoni kien gie mdahhal fil-ligi minhabba li mhux sewwa li affarijiet jibqghu indeterminati ghal zmien twil. Huwa gust li wara t-trapass ta' certu zmien dipendenti mic-cirkostanzi li ghalihom huwa riferibbli l-kaz il-kwistjoni tigi maghluqa b'mod definittiv. Dan jassumi aktar importanza fejn wiehed ikun obbligat li biex jipprova dak li qal ikollu jipproduci dokumenti u mhux sewwa li wara li jkun ghadda l-perjodu preskrittiv il-legislatur f'oggetti ta' natura fiskali jdahhal dispozizzjonijiet retroattivi ghal fatti li rrizultaw precedentement taht kif kienet il-ligi dak iz-zmien. Kull sistema guridika ghandha jkollha c-certezza tal-principji legali u r-retroattivita` hija element eccezzjonali. Ara f'dan ir-rigward **Kolpinghuis Nijmegen B.V.** (Kaz Nru. 80/86) deciza mill-Qorti Ewropeja fit-8 ta' Ottubru 1987 (paragrafu 13).
"Kien ghalhekk li fil-kaz ta' Caruana l-Qorti kkonkludiet:

""F'dan il-kumpless kollu tal-principji affermati tad-dritt u wkoll fuq l-interpretazzjoni taghha tal-fatti din il-Qorti tara li f'dan il-kaz partikolari, u l-Qorti taghmel debita enfasi fuq dan, ma kellux ikollu applikabilita` d-dispost tas-subinciz (4) ta' l-Artikolu 47 izda pjuttost dak tas-subinciz (2) ta' l-istess artikolu. Ghalkemm certament il-Qorti tapprezza li

l-ingranagg amministrattiv ta dipartimenti kbar, bhal ma hu dak tat-Taxxi Interni, mhux dejjem jahdem b'mod imghaggel, min-naha l-ohra hi tal-ferma konvinzjoni illi fi stat ta' dritt l-legislazzjoni ma ghandhiex issir biex, temporanjament, tkopri d-deficjenzi li jkunu jezistu u biex, bhal f'dan il-kaz, tinnewtralizza "*quanto fosse posto in essere a norma di legge*" (**Kollez. Vol. XXIV P II p 16**), daqskemm biex tittutela ahjar r-relazzjonijiet tal-partijiet involuti. Minn dak li rrizultalha, ma jistax ragonevolment zgur jinghad illi l-aggunta fil-ligi bl-Att II ta' l-2004 hi, f'dan il-kaz, predisposta u voluta fl-interess ta' l-appellanti *tax payer* imma ghall harsien rigidu u esklussiv tal-fisco. Hu l-kaz allura li din il-Qorti tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti riferibilment f'dan il-kaz;…"

"L-imsemmi Artikolu 47(2) jipprovdi li l-azzjoni ghall-hlas ta' taxxa ecc. tista' tinbeda f'kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data…

"Irrizulta car li l-ittra ufficjali ggib id-data tal-4 ta' Frar 2005. L-ewwel grupp ta' taxxi riferibbli ghal snin ta' stimi huwa dak ta' bejn l-1979 sal-1992 u huma certament preskritti hlief dak riferibbli ghall-1990 li fin-nota tar-rikorrent tal-5 ta' Dicembru 2006 giet ammessa. Riferibbilment ghat-tieni grupp u cioe` 1994 u 1995 dawn ukoll jinsabu preskritti filwaqt li l-1996 hemm ammissjoni fuqha fl-imsemmija pagna 39 tal-process. Il-fatt li hargu stimi riveduti tant snin wara minhabba l-oggezzjoni li kien ghamel it-***tax payer*** ma jintitolax lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jigi minghajr limitu fil-ligi ghall-ammont ta' zmien li jista' jiehu biex johrog kont rivedut. Li kieku wiehed jinterpreta bil-mod kif qed jippretendi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni li m'hemmx limitu ta' zmien biex oggezzjoni tigi processata konna naslu fi stat li l-Kummissarju jista' jdum mitt sena u xorta wahda ma tiddekorrix il-preskrizzjoni. It-terminu ta' tmien snin huwa fatali u fih trid tkun saret it-talba permezz tal-ittra ufficjali ghax altrimenti t-***tax payer*** ikun intitolat li jissolleva l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni. Naturalment fejn l-ammont gie ammess ma hemmx l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u dan minhabba l-fatt li l-preskrizzjoni hija

strument procedurali ta' helsien mill-azzjoni izda mhux necessarjament timporta l-estinzjoni tal-azzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"…illi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata limitatament ghal fejn tipprovdi dwar il-kreditu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1990 u 1996, thassarha u tirriformaha fil-kumplament taghha u minflok tipprovdi li l-ammonti mitluba mill-appellant ghas-snin rimanenti huma tabilhaqq dovuti u ghandhom jithallsu, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

Rat ir-risposta tal-appell ta' Emanuel Zammit li, in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti tiddikjara s-sentenza tal-ewwel Qorti bhala wahda gusta u timmerita konferma;

Semghet lid-difensur tal-appellant fl-udjenza tas-16 ta' April 2009; ghal din l-udjenza la deher l-appellat u lanqas id-difensuri tieghu, u dan minkejja li l-appellant kien debitament avzat bid-data u l-hin tas-smigh tal-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza r-rikorrent Zammit qed jikkontesta t-talba tal-intimat ghall-hlas ta' taxxa ghas-snin 1979 sa 1992, 1994, 1995 u 1996, peress li sostna li t-taxxa hi mhallsa u, f'kull kaz, tinsab preskritta. L-ewwel Qorti sabet li ma kienx sar hlas tat-taxxa dovuta, izda l-maggor parti tat-talbiet kienu preskritti; hi sabet li t-taxxa li ghandha tithallas hija dik biss riferibbli ghas-snin 1990 u 1996, filwaqt li t-taxxa ghas-snin l-ohra mhix dovuta ghax preskritta. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni appella u jargumenta li t-taxxa kollha kif minnu mitluba ghandha titqies dovuta u ebda parti preskritta.

In vista tal-fatt li l-aggravji tal-intimat mhux l-istess ghas-snin kollha indikati, din il-Qorti sejra tittratta l-aggravji separatament b'riferenza ghas-snin relattivi.

1. Ghar-rigward is-snin 1979, 1980 u 1983, da parti tar-rikorrent kienet saret oggezzjoni meta kienu inhargu l-istimi relattivi, u wara diskussjonijiet bejn il-partijiet, intlahaq ftehim datat 8 ta' Lulju, 1999, dwar kif kellha tithallas it-taxxa, u dan wara li sar qbil kif il-qliegh tar-rikorrent kellu jigi aggustat. B'dan il-ftehim inkisret kull preskrizzjoni li setghet ghaddiet, ghax bis-sahha ta' dan il-ftehim ir-rikorrent mhux biss accetta l-ammont tal-qliegh tieghu, izda accetta wkoll b'liema rati mensili kellu jhallas il-bilanc ta' taxxa dovuta. La darba, f'Lulju tal-1999, accetta li jhallas il-bilanc, il-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 47(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta) u invokata mir-rikorrent, giet miksura. Hu maghruf li r-rikonoxximent tad-debitu, partikolarment meta jkun akkumpanjat bil-modalita` tal-hlas, tikser kull preskrizzjoni li tkun anke ghalqet. Kwindi, fid-dawl ta' dan ir-rikonoxximent, l-intimat kellu tmien snin mid-data tal-ftehim biex jitlob il-hlas; il-ftehim gie iffirmat fit-8 ta' Lulju 1999, u l-interpellazzjoni ghall-hlas saret fl-4 ta' Frar 2005, entro t-8 snin koncess mil-ligi. Kwindi t-taxxa dovuta ghas-snin 1979, 1980 u 1983 ghandha titqies dovuta <u>u mhux preskritta</u>.

2. Fir-rigward tas-snin 1988 u 1989, l-intimat appellant jissottometti illi:
"gialadarba l-appellat iddikjara hu stess fil-prospett tat-taxxa, anki jekk fi stadju assai tardiv, l-ammonti li qeghdin issa jintalbu minghandu ghal tali snin ta' stima, huwa ghandu jitqies bhala li implicitament irrinunzja ghall-preskrizzjoni stante li qed jammetti li ghandu jaghti l-ammonti involuti."

Fil-process, pero`, ma kien hemm ebda prova ta' dak li qed jigi allegat. Id-dokument li ghalih qed issir riferenza ma giex esebit, u kwindi din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha fir-rigward. L-allegazzjoni saret fis-sottomissjonijiet tal-appellant, pero`, ma saret ebda konferma taghha la bil-gurament ta' xi ufficjal inkarigat u lanqas bil-

prezentazzjoni tad-dokumenti allegatament ippreparati mill-appellat. Dan l-aggravju ma jistax, ghalhekk, jigi milqugh.

3. Fir-rigward it-taxxa dovuta ghas-snin 1988, 1989, 1991, 1992, 1994 u 1995, l-intimat appellant jissottometti li din mhijiex preskritta ghar-ragunijiet segwenti:

“i) l-ammonti ghas-snin ta’ stima 1988 u 1989 m’humiex preskritti stante li l-appellat kien baghat il-prospetti relattivi ghal dawn is-snin partikulari bosta snin wara, u cioe` ghar-rigward ta’ l-1988 il-prospett intbaghat fl-1998, filwaqt li ghar-rigward ta’ l-1989 il-prospett intbaghat fl-1992; u

“ii) l-istimi ghal dawn is-snin ta’ stima kollha gew mghoddija lit-*tax payer* fl-1998 filwaqt li l-ittra ufficjali giet ipprezentata fl-4 ta’ Frar 2005.”

Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument. Il-fatt li *tax payer* ma jressaqx il-prospett tieghu, ma jfissirx li l-Kummissarju hu ezenti milli johrog stima, jew li hu jista’ joqghod jistenna sakemm it-*tax payer* jikkomforma ruhu mal-ligi. Il-Kummissarju ghandu l-poter li johrog stima meta jqis li t-*tax payer* hu dovut li jhallas taxxa, u l-limitu ta’ tmien snin hu precizament mahsub biex jaghti zmien bizzejjed lill-Kummissarju johrog *best of judgment assessment* jekk jara li t-*tax payer* in kwistjoni jkun naqas milli jipprezenta l-prospett kif trid il-ligi. L-Avukat Robert Attard, fil-ktieb tieghu *“An Introduction to Income Tax Theory”* (Ediz. 2005) jghid, f’pagna 265, li

*“The Commissioner’s right to raise assessments is generally subject to time-bars. The general rule is that an assessment made in terms of Article 30…may be raised within eight years after the relative year of assessement.”*

(sottolinear ta’ din il-Qorti).

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appellant jistrieh hafna u b’mod generali fuq is-sub-artikolu (4) tal-Artikolu 47 tal-Kap. 372 indikat, li l-ewwel Qorti irriproduciet fl-

ewwel parti tas-sentenza taghha. Bis-sahha ta' dak s-sub-artikolu, il-legislatur ittenta jirriattiva d-dritt tal-intimat li jitlob hlas tat-taxxa, nonostante li z-zmien ta' tmien snin koncess ikun gia` skada. Din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Caruana**, deciza fl-10 ta' Jannar 2007, ittrattat b'mod dettaljat hafna l-effett ta' dan is-sub-artikolu u in succint osservat li filwaqt li meta jiskadi t-terminu ta' preskrizzjoni, jintilef id-dritt tal-azzjoni, izda mhux ukoll id-dritt innifsu (tant li hlas ta' kreditu estint jitqies bhala hlas in ottemperanza ta' obbligazzjoni naturali), dak id-dritt ma jistax jerga' jitqies ezegwibbli b'att unilaterali tal-kreditur. L-ewwel Qorti kkwotat b'mod estensiv minn din is-sentenza, u din il-Qorti tara li c-cirkostanzi ta' dik il-kawza ghandhom xebh ma' dawk ta' din il-kawza.

Posizzjoni simili kienet ittiehdet mill-Bord tal-Kummissarju Specjali ghat-Taxxa fuq id-Dhul fil-kaz numru 2/2004 deciz fil-21 ta' Gunju 2004.

Din il-Qorti taqbel ma' din il-posizzjoni. Tara li jkun kontra kull principju ta' *bona fede* u ragjonevolizza jekk, ghat-traskuragni tad-dipartiment governattiv, ghandu jaghmel tajjeb it-*tax payer* u dan billi, bi strap legislattiv, dan jitqieghed f'posizzjoni li jkollu jhallas taxxa snin twal wara li l-istess ikun dovut. Il-principju ghandu jkun li t-taxxa ghandha tintalab fi zmien ragjonevoli (ara **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Cachia**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Mejju 2003), u darba dan iz-zmien gie stabbilit ghal tmien snin, mhux lecitu li dan jigi estiz unilateralment u a skapitu ta' min ikun gie "illiberat" mill-*constraints* tal-hlas.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni billi tilqa' l-istess in parte u limitatament ghas-snin 1979, 1980 u 1983, bir-rizultat li t-talba tar-rikorrent Zammit qed tigi milqugha, <u>hlief</u> ghas-snin 1979, 1980, 1983, 1990 u 1996, li taghhom it-taxxa relattiva trid tithallas mir-rikorrent.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' din it-tieni istanza

ghandhom jithallsu kwantu ghal kwart ($^{1}/_{4}$) mir-rikorrent appellat Emanuel Zammit u tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-intimat appellant Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------